**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' Mejju, 2024**

Rikors Ġur. Numru: 72/23 AL

A B C D E,

vs

Dr. Daniel Attard u l-PL Veronica Rossignaud nominati b'digriet tas-7 ta' Awwissu 2023 bhala kuraturi deputati ghall-assenti F G H I u b'digriet tad-29 ta' Settembru 2023 Dr. Daniel Attard gie estromess u sostitwit b'Dr. Ingrid Zammit Young.

(M.R. Numru 1191/2014)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

. Illi r-rikorrenti u l-intimata kkontrattaw iz-zwieg taghhom nhar il-wiehed u ghoxrin tå Gunju tas-sena elfejn u erbghatax (21/6/2014) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz- zwieg anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi r-rikorrenti u l-intimata kellhom wild fis-sebgha u ghoxrin tå Jannar tas-sena elfejn u wiehed (27/1/2001) bl-isem tà  JK E u dan kif jirrizulta mid- dokument tå identifikazzjoni anness u mmarkat bhala Dok 'B':

3. Illi r-rikorrenti huwa vittma tà abbandun u dan ai termini tal-artikolu 41 tal-Kodici

Civili; il-konjugi huma ghalhekk de facto separati u dan wara li l-intimata ghebet

f'Settembru 2017 u ma hijiex reperibbli;

4. Illi l-imsemmija wild tal-konjugi tirrisjedi mar-rikorrenti u ma ghandha l-ebda kuntatt mal-intimata;

5. Illi jezistu l-kriterji previsti mil-ligi fl-artikolu 66B tal-Kodici Civili ghal rikjesta ta' divorzju;

6. Illi l-Avukata sottoiffirmata tikkonferma l-impossibilità tà rikonciljazzjoni bejn il- konjugi u dan ai termini tal-artikolu 66G tal-Kodici Civili;

7. Illi l-Avukata sottoiffirmata tikkonferma li ma tezistix il-possibilità li jigi ffirmat kuntratt tå separazzjoni personali bejn il-konjugi u dan ai termini tal-istess artikolu hawn fuq imsemmi;

8. Illi l-ghebien tal-intimata ma jippermettix it-tentattiv tà medjazzjoni impost mil-ligi fl- artikolu 661 tal-Kodici Civili;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u provvediment opportun, joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna n-notifika tad-divorzju lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien stipulat mill-istess Qorti sabiex jigi debitament irregistrat skont il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha esponew:

1. Illi d-deputati kuraturi ġew hekk nominati permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 7 ta' Awissu 2023 u b'digriet ieħor tad-29 ta' Settembru 2023 fejn Dr Daniel Attard ġie sostitwit b'Dr Ingrid Zammit Young bhala Deputati Kuraturi ghall-assenti F G H I;

2. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jigu edotti mill-fatti.

3. Illi l-esponenti jirriservaw li jippreżentaw eċċezzjonijiet kemm il-darba jirnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-konvenuta.

4. Illi l-esponenti qegħdin jitolbu minn issa l-indirizz u/jew dettalji oħra li jista jkollu l-attur li permezz tagħhom ikunu jistgħu jikkuntattjaw lil F G H I

5. Illi f'dan l-istadju, l-esponenti ma għandhomx noti u dokumenti x'jippreżentaw, kwindi jirriservaw id-dritt li jagħmlu dan fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ;

Salv risposta ulterjuri u/jew eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tar-rikorrenti permezz ta’ liema qieghed jinforma lil din il-Qorti illi huwa ilu separat de facto minn mal-assenti F G H I għal dawn l-aħħar tnax-il (12) sena, u illi ghaldaqstant huwa eliġibbli għad-divorzju għall-fini tal-proviso tas-sub-artikolu 66B(a) tal-Kap. 16.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Awwissu 2023;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tal-4 ta’ Dicembru 2023;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Settembru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, madanakollu l-ispejjez involuti għall-ħatra ta’ kuraturi deputati għandhom jithallsu provisorjament mir-rikorrenti.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.